31996D0469

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-30 ta' Lulju 1996
li tistabbilixxi kumitat konsultattiv għal prevenzjoni tal-kanċer

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(96/469/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi l-Komunità għandha tagħti kontribut biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk neċessarju, tislef appoġġ għall-azzjonijiet tagħhom;

Billi l-azzjoni tal-Komunità għandha tkun diretta lejn il-prevenzjoni ta' mard, li jinkludi l-kanċer, billi tippromovi riċerka fil-kawżi u fit-trasmissjoni tagħhom kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa;

Billi, mis-sena 1986, bdew jinżammu laqgħat ta' esperti ta' livell għoli dwar il-kanċer, fil-qafas tal-Programm "Ftehim Ewropew dwar il-Kanċer"; billi dawn l-esperti dwar il-kanċer ikkostitwixxew grupp li jipprovdi konsulenza lill-Kummissjoni fuq l-aspetti xjentifiċi tal-kanċer;

Billi r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 1986 [1] tinnota l-konklużjonijiet tal-Kumitat ta' l-Esperti tal-Kanċer dwar il-preparazzjoni ta' l-ewwel pjan ta' azzjoni kontra l-kanċer [2];

Billi, skond id-Deċiżjoni 90/238/Euratom, KEFA, KEE tal-Kunsill u r-Rappreżentati tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill tas-17 ta' Mejju. 1990, li tadotta pjan ta' azzjoni 1990-1994 fil-kuntest tal-Programm "Ewropa Kontra l-Kanċer" [3], il-Kummissjoni għandha tinvolvi mill-qrib esperti dwar il-prevenzjoni tal-kanċer fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni;

Billi d-Deċiżjoni Nru. 646/96/EC [4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tadotta t-tielet pjan ta' azzjoni kontra l-kanċer 1996-2000, hi diretta lejn il-prevenzjoni tal-kanċer skond il-ħtiġiet ta' l-Artikoli 3(o) u 129 tat-Trattat;

Billi l-premessi ma' din id-Deċiżjoni jistqarru li, biex ikollha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha xjentifika neċessarja, il-Kummissjoni tikkopera ma' esperti xjentifiċi;

Billi hu mportanti li tissaħħaħ il-bażi xjentifika fuq liema jittieħdu d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni;

Billi, hu neċessarju għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza ġuridika, li tiġi formalizzata l-eżistenza ta' dan il-grupp;

Billi għandha tiġi stabbilita l-komposizzjoni tal-grupp biex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tad-direzzjoni u ta' l-iskop tal-programm l-"Ewropa Kontra l-Kanċer" fil-kuntest tat-tielet pjan ta' azzjoni kontra l-kanċer;

Billi l-pariri xjentifiċi minn esperti Ewropej ta' livell għoli fil-prevenzjoni tal-kanċer għandhom ikunu magħmula kontinwament disponibbli f'forma ta' kumitat ta' natura konsultattiva stabbilit mill-Kummissjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat konsultattiv għal prevenzjoni tal-kanċer, hawnhekk iżjed il quddiem msejjaħ il-"Kumitat", hu hawnhekk stabbilit mill-Kummissjoni.

Il-Kumitat għandu jkun kompost minn mhux iktar minn 15-il membru.

Artikolu 2

Il-Kumitat jista' jkun ikkonsultat mill-Kummissjoni fuq il-kwistjonijiet kollha dwar:

— *data* dwar il-kanċer, li tinkludi l-epidemjoloġija,

— sejbien bikri tal-kanċer u screening tal-kanċer,

— informazzjoni tal-pubbliku dwar il-prevenzjoni tal-kanċer,

— aspetti rilatati mal-kanċer ta' l-edukazzjoni dwar is-saħħa fl-iskejjel,

— proċedura ta' garanzija ta' kwalità fil-kontroll l-kanċer (li tinkludi l-kwistjoni ta' kwalità ta' ħajja għal pazjenti tal-kanċer u kura li ttaffi l-uġigħ),

— aspetti preventivi li jistgħu jiġu żviluppati fuq il-bażi tar-riżultati tar-riċerka fondamentali u klinika tal-kanċer imwettqa taħt il-programm Biomed u inizjattivi oħra ta' riċerka,

[1] ĠU C 184, tat-23.7.1986, p. 19.
[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 88/351/KEE, ĠU L 160, tat-28.6.1988, p. 52.
[3] ĠU L 137, tat-30.5.1990, p. 31.
[4] ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 9.

— taħriġ għal professjonisti sanitarji fi kwistjonijiet li jirrilataw mal-kanċer.

Artikolu 3

1. Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għandhom jirrelataw ma' talbiet ta' opinjonijiet magħmula mir-rappreżentanti tas-Servizzi tal-Kummissjoni. Ir-rappreżentanti tas-Servizzi tal-Kummissjoni, waqt li jitolbu l-opinjoni tal-Kumitat, jistgħu jistabbilixxu t-tul ta' żmien f'liema għandha tingħata l-opinjoni.

2. Il-Kumitat m'għandux, fuq l-inizjattiva proprja tiegħu, jagħti opinjonijiet fuq kwistjonijiet li jidħlu fir-responsabbiltà tal-kumitati xjentifiċi l-oħra stabbiliti mill-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat għandu jagħmel kull mezz biex jagħti l-opinjoni tiegħu fuq il-bażi tal-konsensus. Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat m'għandhomx jiġu segwiti b'vot.

4. Fejn l-opinjoni mitluba għandha l-qbil unanimu tal-membri tal-Kumitat, dan ta' l-aħħar għandu jistabbilixxi l-konklużjonijiet komuni. Fin-nuqqas ta' qbil unanimu, il-posizzjonijiet varji mittieħda fil-kors tad-deliberazzjonijiet għandhom jiddaħħlu f'rapport magħmul taħt il-patroċinju tar-rappreżentanti tas-Servizzi tal-Kummissjoni.

Artikolu 4

Il-membri tal-Kumitat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn esperti ta' livell għoli li għandhom il-kompetenzi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jaħtar president u żewġ viċipresidenti mill-membri tiegħu. L-elezzjoni għandha sseħħ b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti.

Artikolu 6

1. Il-funzjoni ta' membru ta' Kumitat għandha ddum tliet snin. Għandha tkun imġedda. Madankollu, il-president u l-viċipresidenti tal-Kumitat ma jistgħux jiġu rieletti immedjatament wara li jkunu fil-kariga għal żewġ perijodi konsekuttivi ta' tliet snin.

Wara l-iskadenza taż-żmien tal-mandat tagħhom, il-membri tal-Kumitat jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu kkonfirmati jew mibdula bħala membri.

M'għandux jiġi provdut ħlas għall-funzjonijiet eżerċitati.

2. Meta membru tal-Kumitat ma jistax jaqdi dmirijietu, jew fil-każ ta' riżenja volontarja, hu għandu jiġi mibdul għall-bqija tal-mandat tiegħu skond il-proċedura prevista, skond il-każ, fl-Artikolu 4 jew 5.

Artikolu 7

Il-lista tal-membri għandha tiġi ppublikata kull tliet snin mill-Kummissjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għal skopijiet ta' informazzjoni.

Artikolu 8

1. Il-Kumitat jista' jifforma gruppi ta' ħidma li jitrattaw aspetti speċifiċi fl-oqsma tal-kompetenza msemmija fl-Artikolu 2, ppreseduti minn wieħed mill-membri tagħhom u komposti minn massimu ta' ħames personalitajiet xjentifiċi bi kwalifiki għolja. In-numru ta' gruppi ta' ħidma għandu jkun limitat għal massimu ta' ħamsa fi kwalunkwe ħin.

2. Il-mandat tal-gruppi ta' ħidma għandu jkun stabbilit mill-Kumitat.

Artikolu 9

1. Il-Kumitat jew l-gruppi ta' ħidma għandhom jiltaqgħu fuq l-istedina ta' rappreżentant tas-Servizzi tal-Kummissjoni, ġeneralment fil-bini tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentanti tas-Servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll uffiċjali oħra u aġenti interessati tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat u tal-gruppi ta'ħidma.

3. Ir-rappreżentant tas-Servizzi tal-Kummissjoni jista' jistieden individwi b'kompetenza partikolari fuq is-suġġett diskuss biex jipparteċipa fil-laqgħat bħala osservaturi, fuq bażi temporanja jew permanenti.

4. Is-Servizzi tal-Kummissjoni għandhom jipprovdu s-segretarjat tal-Kumitat u tal-gruppi ta' ħidma.

Artikolu 10

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 214 tat-Trattat, il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu obbligati li ma jiżvelawx informazzjoni li jsiru jafu biha bħala riżultat tax-xogħol tal-Kumitat meta r-rappreżentant tas-Servizzi tal-Kummissjoni jinformahom li l-opinjoni mitluba tirrelata ma' materjal ta' natura konfidenzali.

F'dan il-każ, il-membri tal-Kumitat u r-rappreżentanti tas-Servizzi tal-Kummissjoni biss jistgħu jkunu preżenti fil-laqgħat.

Artikolu 11

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Pádraig FLYNN

Membru tal-Kummissjoni